MTARFA

**IR-RABA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 15 – IL-ĠIMGĦA 24 TA' APRIL 2009**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-7.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi-Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsiller |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Bernard Borg | Kunsillier |

Il-Kunsilliera Helen Bugeja kienet avżat lill-Aġent Segretarju tal-Kunsill li hija setgħet tattendi għall-laqgħa fis-7.30pm u toqgħod għall-laqgħa sat-8.00pm peress li ingħatat *short notice*. Għalhekk hi kienet skuzata għax ma setgħetx tibqa wara it-8.00pm.

Il-laqgħa bdiet fit-7.50pm. peress li s-Sindku ma setgħax jattendi fil-ħin minħabba mpenji.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti tal-erbatax il-laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija, ma kien hemm ebda korrezzjoni xi jsiru.

**2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsill ma kellu ebda punti xi jqajjem dwar il-minuti, u s-Sindku ffirma l-minuti hekk kif ġew approvati.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 L-A/SE preżenta l-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2009. Din tkopri l-ħlasijiet kollha sal-31 ta' Marzu li hija għeluq is-sena finanzjarja tal-Kunsill. L-ammont ta' pagamenti għal dan ix-xahar kien ta' €23,591.69. Wara li ġew ivverifikati dawn il-pagamenti , il-Kunsill approva il-ħlas tagħhom.

3.2 L-A/SE ippreżenta lista oħra ta' pagamenti mill-1 ta' April sal-24 ta' April 2009. L-ammont ta' dawn il-pagamenti laħħaq għal €4,684.69. Il-Kunsill approva il-ħlas ta' dawn il-pagamenti.

## 4. ATTIVITAJIET

4.1 Jum l-Imtarfa: Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar il-programm li għandu jittella' għall-Jum l-Imtarfa. Dan il-programm kien mifrux fuq 3 ijiem ta' attivitajiet.

Wara diskussjuni dwar l-istess attivitajiet ta' Jum l-Imtarfa, il-Kunsill qabel li l-programm għandu jitwettaq, inklużi l-approvazzjoni mill-Kunsill tal-ispejjeż kollha li jġib miegħu dan il-programm.

Kopja tal-programm tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Il-Kunsill qabel.

4.2 Attivita' ta' Ġemellaġġ mal-Muniċipalita' Arvidsjuar fl-Isvezja.
Id-Delegazzjoni għandha tiġi milqugħa fl-ajruport mis-Sindku Anthony Mifsud u l-Kunsillieri Anatole Scerri Diacono u Helen Bugeja.

Hemm ippjanat li d-delegazzjoni minn Arvidsjuar tittieħed fuq dawra fil-Belt mill-Kunsilliera Helen Bugeja u jżuru l-Kon-Katidral ta' San Ġwann u postijiet storiċi oħra. Hemm ukoll ippjanata żjara għall-Imdina u aktar tard filgħaxija, stedina għall-ikel.

Il-Kunsillier Bernard Borg li kellu jagħmel indirizz lil din id-deligazzjoni informa lill-Kunsill li dan l-indirizz ma setghax jagħmlu iżjed minħabba mpenji oħra. Dawn spejjes kien kulħadd qabel li dawn ġew approvati - ta' Jum l-Imtarfa.

## 5 GĦELUQ IL-LAQGĦA

5.1 Il-laqgħa ġiet malgħuqa fid-9.00pm.

Anthony Mifsud
Sindku

Hector Cassola
A/Segretarju Eżekuttiv

30 ta' April 2009